Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10319 – Greiner/Recticel)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 432/05)

1. Fit-18 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Greiner AG ("Greiner", l-Awstrija),

— Recticel NV/SA ("Recticel", il-Belġju).

Greiner takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Recticel kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Greiner: il-produzzjoni u l-bejgħ ta' firxa wiesgħa ta' soluzzjonijiet tal-plastik u tal-foam globalment, b'mod partikolari foams tal-poliuretan ("PU") u prodotti bbażati fuq il-foam PU għal varjetà ta' industriji, inklużi dawk tas-saqqijiet, tal-għamara, tal-karozzi, kif ukoll soluzzjonijiet għall-industrija tat-teknoloġija u l-produzzjoni medika,

— Recticel: il-produzzjoni u l-bejgħ globalment ta' firxa wiesgħa ta' komposti sintetiċi, b'mod partikolari foams PU u soluzzjonijiet ibbażati fuq il-foam PU għall-industrija tal-karozzi, tas-saqqijiet u tal-kostruzzjoni.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10319 – Greiner/Recticel

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").